MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 901/2009

**SUPREME TRAVEL LIMITED (C-16048)**

vs

**AWTORITA' DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA** u b'degriet tal-15 ta' Jannar, 2010, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawża minflok l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta; il-Ministru għall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Settembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-għemil amministrattiv tal-imħarrkin li jċaħħduha mid-dritt esklussiv li tibqa' toffri "*sight-seeing passenger tour service using open-top buses*" kif miftiehem f'żewġ "*concession agreements*" tal-14 ta' Ġunju, 2007 – wieħed għal vjaġġ mat-tramuntana u l-ieħor dwar vjaġġ għan-nofsinhar ta' Malta – huwa għemil "irritu u/jew null u bla ebda effett u/jew illegali u/jew *ultra vires* u dan ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta"; (b) issib li l-imħarrkin jew min minnhom huma responsabbli għad-danni mġarrbin minnha minħabba l-għemil tagħhom; (ċ) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' periti mqabbdin mill-Qorti, d-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tal-imħarrkin; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallasuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Settembru, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' mħarrka fit-13 ta' Novembru, 2009, li biha laqgħat għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalet li t-temm tal-konċessjoni lill-kumpannija attriċi ma kienx għemil amministrattiv kif mifhum mil-liġi fl-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili iżda eżerċizzju ta' dritt privat imnissel mill-kuntratti nfushom li dwaru ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu tal-liġi. B'mod preliminari wkoll, laqgħet billi qalet li l-azzjoni ma setgħetx tinġieb 'il quddiem ukoll minħabba li l-kumpannija attriċi kellha rimedju ieħor, maħsub fl-istess ftehim, liema rimedju naqset li tinqeda bih. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li hija mxiet b'xi mod ħażin jew illegali u qalet li wkoll kieku ma ħaditx dak il-pass fiż-żmien meħud, il-ftehim xorta waħda kien ikollu jitħassar wara d-dħul fis-seħħ ta' dak li kienu bdew jipprovdu r-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Avviż Legali 149 tal-2009). Fuq kollox, hija ma setgħet qatt tinstab ħatja ta' danni taħt din l-għamla ta' azzjoni ladarba hija ma mxiet fl-ebda waqt b'mala fidi mal-kumpannija attriċi, li, min-naħa tagħha,

għandha d-dmir li turi bi provi li tassew kien hemm din il-mala fidi, u li minħabba fiha tassew iġġarrbu d-danni u li l-kumpannija attriċi għamlet minn kollox biex tnaqqashom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Ministru mħarrek fis-16 ta' Novembru, 2009, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li huwa m'għandux iwieġeb għall-ilmenti tal-kumpannija attriċi u tħarrek ħażin u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, ċaħad li huwa qatt kien responsabbli għal xi għemil amministrattiv li ssemmi l-kumpannija attriċi fir-Rikors tagħha, u għalhekk m'għandux iwieġeb bl-ebda mod għad-danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2009[1], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' mħarrka, wara li semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet li, dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet, ma kellhomx provi ġodda x'iressqu aktar minn dawk li diġa' kienu jinsabu fl-atti tal-kawża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "STL") tgħid li d-deċiżjoni tal-Awtorita mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "TM") li ttemm il-konċessjoni li kienet ingħatatilha f'Ġunju tal-2007 biex tħaddem żewġ

[1] Paġ. 127 tal-proċess

rotot ta' ġiti turistiċi permezz ta' *open top buses* kienet waħda illegali u abbużiva u tmur lil hinn mis-setgħat tal-istess Awtorita' u ġabitiila ħsara u danni li tagħhom riedet titħallas. Ladarba li minħabba f'hekk STL ġarrbet dawn id-danni, trid li l-Qorti ssib li kienet dik id-deċiżjoni ta' TM li ikkawżathom u għalhekk TM għandha tagħmel tajjeb għalihom;

Illi għal din l-azzjoni TM laqgħet, fost l-oħrajn, bl-eċċezzjonijiet preliminari li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex id-deċiżjoni tagħha li minnha tilminta STL ma hijiex att amministrattiv kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap 12 u wkoll għaliex il-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju li STL kellha kontra dik id-deċiżjoni setgħet kisbitu mod ieħor kif ipprovdi l-liġi u saħansitra l-istess ftehim ta' konċessjoni li daħlet għalih. B'mod partikolari, TM tgħid li STL setgħet appellat mid-deċiżjoni tat-temm tal-konċessjoni billi irrikorriet għal arbitraġġ taħt il-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tgħid li ladarba STL naqset li tagħmel dan, ma tistax tressaq din l-azzjoni. F'dan ir-rigward, TM qiegħda ssejjes din l-eċċezzjoni tagħha fuq dak li jgħid l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar is-siwi ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan joħroġ mill-fatt innifsu li l-kumpannija attriċi ssemmi dik id-dispożizzjoni fl-ewwel talba tagħha;

Illi <u>mill-atti tal-kawża jirriżulta</u> li, wara li kienet saret sejħa għall-offerti, STL ingħatat konċessjoni biex tħaddem servizz turistiku b'żewġ rotot madwar siti ta' interess turistiku f'Malta. Din il-konċessjoni saret b'żewġ ftehim magħmulin fl-14 ta' Ġunju, 2007[2], bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Dak is-servizz kellu jibda jitħaddem mill-1 ta' Lulju, 2007. Bejn April tal-2008 u

[2] Dokti "ST1" u "ST2", f'paġġ. 16 sa 90 tal-proċess

Marzu tas-sena ta' wara, TM kitbet għadd ta' drabi lil STL[3] biex tgħarrafha bi ksur tal-kundizzjonijiet li irriżultawlha u immultatha wkoll għal dak il-ksur. B'żewġ ittri tal-20 ta' Marzu, 2009[4], TM bagħtet tgħarraf lil STL li kienet qiegħda twaqqfilha l-konċessjoni minnufih u għall-finijiet tal-klawsola 16.2 tal-ftehim, u dan minħabba l-imsemmija ksur;

Illi din il-kawża nfetħet fit-18 ta' Settembru, 2009;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>, il-Qorti jidhrilha qabel kull ħaġa oħra li tistħarreġ in-**natura tad-deċiżjoni tal-Awtorita' imħarrka** u jekk din taqax taħt it-tifsira ta' "għemil amministrattiv" kif maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi huwa magħruf li biex għamil amministrattiv ikun jista' jiġi mistħarreġ minn Qorti, irid ikun jirrigwarda att li jikkostitwixxi deċiżjoni minn awtorita' pubblika[5]. L-att deċiżjonali jista' jkun wieħed fejn tittieħed deċiżjoni li tilqa' talba, daqskemm jista' jkun wieħed fejn it-talba ma tintlaqax[6]. Ir-rifjut ta' talba jitqies li jkun seħħ mhux biss meta t-talba tkun miċħuda espressament imma wkoll fejn tibqa' ma tittiħidx deċiżjoni fi żmien xahrejn (jew xi żmien ieħor differenti li xi liġi partikolari tista' tistabilixxi) mill-wasla għand l-awtorita' pubblika li tkun ta' talba bil-miktub minn persuna li tkun trid deċiżjoni għal daqshekk;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, STL tgħid li d-deċiżjoni ta' TM li ttemmilha l-konċessjoni ma tistax tkun ħlief għamil amministrattiv. Dan għaliex TM hija awtorita' pubblika u dik id-deċiżjoni hija, għalhekk, għamil amministrattiv. L-għaref difensur ta' TM tirribatti dan l-argument billi tisħaq li mhux kull għamil ta' kull awtorita' pubblika jissarraf f'"għemil amministrattiv" li jaqa' taħt id-dixxiplina preċiża tal-artikolu 469A u dan għaliex lil xi awtoritajiet pubbliċi ngħatat is-setgħa li jidħlu ma' terzi f'rabtiet kuntrattwali li jnisslu jeddijiet privati bejniethom;

---

[3] Dokti "ADT1" sa "ATD12", f'paġġ. 101 sa 115 tal-proċess
[4] Dokti "ST3" u "ST4", f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess
[5] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Galea vs Kmandant tat-Task Force et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.541**)
[6] Ara t-tifsira ta' "*għemil amministrattiv*" fl-art. 469A (2) tal-Kap 12

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol fi studju dettaljat dwar ir-rwoli "kummerċjali" u "amministrativi" tal-awtorita' pubblika ħlief li tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Awissu, 1972, fl-ismijiet "*John Lowell et vs Onor. Dottor Carmelo Caruana noe et*", f'dak li jirrigwarda l-jedd tal-Qrati li jistħarrġu l-għemil tal-awtorita' pubblika kemm jekk ikun "*jure imperii*" u wkoll jekk ikun "*jure gestionis*". Iżda l-argument ta' TM m'huwiex bla siwi;

Illi r-riferenza għat-tifsira ta' "għemil amministrattiv" fl-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jidher li hija waħda ċara. Fiha wkoll tifsira ta' x'inhuma l-għemejjel (jew nuqqas ta' għemejjel) li jsejsu azzjoni taħt dak l-artikolu. Meta wieħed iqis sewwa ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed isib li d-deċiżjoni li ħadet TM biex ittemm il-konċessjoni mogħtija lil STL kienet għal kollox linja ta' aġir imnissel mill-kuntratt li kienu daħlu għalih iż-żewġ partijiet f'sura privata, u b'mod partikolari mill-imġiba allegata lill-kontroparti (jiġifieri STL) meta meqjusa fid-dawl tar-rabtiet li daħlet għalihom taħt l-istess kuntratt. Għall-Qorti, din hija waħda miċ-ċirkostanzi fejn ma jgħoddx ir-rimedju mogħti liċ-ċittadin għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-amministrazzjoni pubblika. Għal ċirkostanza bħal din jgħodd ħarsien ieħor, maħluq b'rieda ħielsa tal-partijiet involuti, u li jaqa' fl-ambitu ta' rabtiet kuntrattwali privati;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u bla ma tidħol aktar fil-mertu li f'dan il-waqt ma jidhrilhiex li huwa xieraq u meħtieġ, din il-Qorti tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni hija waħda tajba u sejra tilqagħha;

Illi kieku trid il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk, għaliex ladarba l-għamil attakkat m'huwiex wieħed li dwar tista' titressaq f'azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi Proċedurali, ma jkunx strettament meħtieġ li tistħarreġ ukoll l-eċċezzjoni preliminari l-oħra. Iżda, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel, il-Qorti hija tal-fehma li **t-tieni eċċezzjoni** preliminari hija mistħoqqa. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq iċ-ċaħda tal-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fejn il-mod tal-kontestazzjoni jew fejn il-ksib tar-rimedju dwar xi att amministrattiv

partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra. Din il-limitazzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-artikolu 469A li biha l-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrġu għamil amministrattiv;

Illi f'dan il-każ TM qiegħda tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A ma jgħoddux aktar għal dan il-każ, għaliex għall-ilment ta' STL kemm il-mod tal-kontestazzjoni u kif ukoll il-ksib ta' rimedju kien jista' jinkiseb quddiem tribunal bis-saħħa tal-liġi speċjali, jiġifieri l-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi tħaddim tal-klawsola nnifisha tal-ftehim ta' konċessjoni (Klawsola 22.4). Ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[7];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[8]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna

---

[7] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[8] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[9]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li STL kellha rimedju tajjeb u effettiv taħt xi liġi oħra u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-għaref difensur ta' STL jisħaq li r-rimedju maħsub fil-klawsola 22.4 ma huwa tal-ebda fejda għall-attriċi, u jgħid li dan huwa hekk għaliex dik il-klawsola titħaddem biss meta tinqala' kwestjoni bejn il-partijiet dwar l-applikazzjoni jew tħaddim ta' xi parti mill-ftehim meta jkun fis-seħħ u ma tgħoddx wara li l-ftehim ikun inħall. Din il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, lebda qari tal-imsemmija klawsola ma jixhed li l-partijiet qatt fissruha jew fehmuha f'dak is-sens. Fit-tieni lok, ma jistax jingħad li minn qari tal-ftehim kollu, kien se' jitneħħa mir-rimedju għall-arbitraġġ sewwasew it-tifsir ta' ċirkostanzi (bħal dawk maħsubin taħt il-Klawsola 16.2) li fihom TM setgħet teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li ssib li l-konċessjonarja (STL) kienet ħatja ta' ksur rilevanti tal-konċessjoni li jwassalha biex ittemmha;

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, ssib li STL tassew kellha l-aċċess għal dak ir-rimedju alternativ jew li bi ħtija tagħha naqset milli tirrikorri għalih. Għalhekk, issib li tista' tilqa' wkoll din l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn TM;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-Awtorita' mħarrka u ssib li l-għamil attakkat m'huwiex

[9] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

wieħed amministrattiv kif mifhum fl-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalih tista' tgħodd azzjoni bħal dik mibdija mill-kumpannija attriċi f'din il-kawża, u wkoll għaliex, f'kull każ, għall-ilment miġjub 'il quddiem mill-kumpannija attriċi, kien hemm rimedju ieħor miftuħ għaliha li naqset li tinqeda bih; u

**Teħles** lill-imħarrkin milli jibqgħu fil-kawża, **bl-ispejjeż** għall-kumpannija attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------